MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Rikors Numru. 271/2012

Kawza fil-lista: 31

**D *sive* D k/a G X**
**vs**
**R G X**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fit-2 ta’ Mejju 2012 li permezz tieghu talab lill-Qorti:-

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet li kien sehh nhar it-12 ta' Ottubru, tas-sena 1985 [12.10.1985] u dana a bazi tad-dokument ta' l-Att Pubbliku tal-Firda Legali li qieghed hawn jigi mehmuz ma' dan ir-Rikors odjern;

(b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

(c) Li jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni nkluz direttivi li din il-wisq Onorabbli Qorti jidhri a xieraq u opportun fic-cirkustanzi tat-talbiet kif hawn fuq suesposti.fuq suesposti.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fit-28 ta’ Gunju 2012 li permezz taghha eccepiet:-

Illi l-esponenti qed tecepixxi wahda mill-eccezzjonijiet permessa mil-ligi fl-artikolu 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu r-rikorrenti ma huwiex qed jonera l-obbligu assunt minnu fil-kuntratt ta' separazzjoni ghal hlas ta' manteniment u hemm arretrati ta' manteniment dovuti skont il-kuntratt;

Illi l-artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta'Gunju 2003 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi bonarjament kuntrattat bejn il-partijiet specifikament jghid li "illi r-ragel qieghed hawn jintrabat u jobbliga ruhu li jaghti jissoministra manteniment favor iz-zewg (2) uliedu fis-somma ta' tmienja u tletin lira maltin (Lm 38) fil-gimgha riveddibli kull sena skond l-gholi tal-hajja pagabbli lil mara kull gimgha bil-quddiern, liema rata qiegheda tigi kalkolata fis-sens li qed tithallas is-somma ta' tmintax il-lira maltin (LM18) ghal kull wild. Illi dan l-obbligu jibqa' jghodd sakemm il-minuri jsru maggorenni jew sakemm jibqghu jistudjaw izda ma ghandux jieqaf sakemm ikollhom xoghol permanenti u fiss ....”. Illi -rikorrent ma huwiex qed jissominstra manteniment favur it-tifla tal-partijiet Rachel li qehedha in full-time education kif jirrizulta mill-Gss document market Dokument A;

Illi inoltre, r-rikorrent naqas milli jhallas mis-sena 2004 sal-lurn iz-zieda fil-manteniment ghal gholi tal-hajja kif kontemplat u stabilit fl-istess kuntratt ta' separazzjoni imsemmi;

Illi r-rikorrent qed jonqos ukoll milli jonera l-obbligu minnu ass ut fl-artikolu 16 tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet li jhallas l-ispejjez edukattivi kollha inkluz it-trasport u l-kotba tat-tifla tal-partijiet Lisa Diane;

Illi l-esponenti Qed titlob li jekk dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghandu japplika l-garanzija ghal manteniment kontemplata fl-artikolu 661 sub-inciz (3);

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Bint il-partijiet xhedet fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2012 li kellha erbgha u ghoxrien sena u li qed taghmel Masters gewwa l-Universita’ ta’ Malta wara li gradwar b’Bacellerat mill-istess Universita’. Xhedet li kienet ilha tfittex xoghol minn Novembru 2011 u bdiet traineeship bla hlas recentement. Hi tirrisjedi ma’ ommha l-konvenuta kif ghadha wkoll tirrisjedi ohtha ta’ wiehed u ghoxrien sena.

L-attur xhed [1] li huwa ghadu jhallas il-manteniment pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali sew dak dovut lill-konvenuta kif ukoll dak dovut lil bintu li ghandha wiehed u ghoxrien sena peress li ghadha tistudja. Iddikjara pero’ li waqaf ihallas manteniment ta’ bintu l-kbira hra li xhedet f’dawn il-proceduri li ghandha hamsa u ghoxrien sena peress li l-eta’ taghha tissupera t-tlieta u ghoxrien sena. Huwa ezebixxa kopja tac-cheques li huwa hareg pagabbli lill-konvenuta rapprezentanti manteniment.[2] Dawn il-pagamenti ikopru il-perijodu bejn l-4 ta’ Jannar 2008 u t-23 ta’ Novembru2012.

Il-konvenuta xhedet[3] f’seduta tal-10 ta’ Jannar 2013 illi skond il-kuntratt tas-separazzjoni il-ftehim kien li l-attur ikompli jmantni liz-zewg uliedhom sakemm ikomplu

[1] Fol. 36
[2] Fol. 44 sa fol 369 u fol. 382 sa fol. 419
[3] Fol. 370

jistudjaw u jsibu impieg. Hija qed topponi ghat-talba tal-attur ghad-divorzju peress li f'Marzu 2012 l-attur waqaf ihallas manteniment fir-rigward tat-tifla l-kbira meta kellha erbgha u ghoxrien sena u kienet qed tistudja full-time ghal Masters Degree. Hija ddikjarat li t-tifla l-kbira qabdet tahdem regolari fl-4 ta' Jananr 2013 u ghalhekk il-konvenuta qed issostni li l-attur naqas milli jhallas il-manteniment tat-tifla erbgha u erbghin ewro fil-gimgha ghall-perijodu bejn Marzu 2012 u Dicembru 2012.

Fix-xhieda taghha l-konvenuta semmiet ukoll li l-attur qatt ma hallasha iz-zieda tal-gholi tal-hajja mis-sena 2003 sallum fuq il-mateniment taghha originarjament pattwit fis-somma ta' zewg liri Maltin fix-xahar.

B'nota tas-7 ta' Jannar 2013 l-attur ezebixxa kopja ta' certifikat tat-twelid ta' certu Alexei Chircop li twieled fl-14 ta' Gunju 2006 minn relazzjoni extra-konjugali li l-konvenuta kellha ma' certu Alexander Chircop wara li sseparat minn mal-attur.

Fis-seduta tat-12 ta' Frar 2013 il-partijiet iddikjaraw illi l-unika pendenza li kien hemm bejniethom hi (1) jekk il-manteniment lill-ulied jibqax dovut wara li jaghlqu tlieta u ghoxrien sena jekk ma jkunux sabu xoghol u (2) jekk l-awment stipulat fil-kuntratt giex imhallas mill-attur.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok ghandu jigi sottolineat illi din mhiex kawza sabiex jigi kanonizzat xi kreditu pretiz minn parti jew minn ohra.

**Manteniment tal-ulied wara li jaghlqu tlieta u ghoxrin sena**.

Jirrizulta illi b'kuntratt in atti Nutar Dottor Tonio Cauchi tat-12 ta' Gunju 2003 il-partijiet kienu resqu ghas-separazzjoni konsenswali ta' bejniethom. Fi klawsola 4 tal-istess kuntratt ftehmu dwar il-manteniment li kien dovut mill-attur:-

"Illi r-ragel qieghed hawm jintrabat u jobbliga ruhu li jaghti u jissomministra manteniment favur iz-zewg (2) uliedu fis-somma ta' tmienja u tletin lira Maltin (Lm 38) fil-gimgha rivedibbli kull sena skond l-gholi tal-hajja pagabbli lill-mara kull gimgha bil-quddiem. Illi dan l-obbligu jibqa' jghodd sakemm il-minuri jsiru maggorenni jew sakemm jibqghu jistudjaw izda ma ghandux jieqaf sakemm ikollhom xoghol permanenti u fiss".

L-attur qed isostni illi fir-rigward tal-ulied, in vista tal-fatt illi fis-sena 2011 kienet giet emendata l-ligi fis-sens illi ghamlitha obligatorja fuq il-genituri li jmantnu lill-uliedhom sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena jekk l-ulied jibqghu jsegwu kors ta' studju full-time, allura l-attur m'ghandux obbligu li jhallas il-manteniment pattwit fuq il-kuntratt tas-separazzjoni una volta binthom il-kbira ghalqet tlieta u ghoxrien sena. L-attur waqaf ihallas manteniment ghat-tifla l-kbira meta din kienet diga' ghalqet erbgha u ghoxrien sena. Ghalhekk qed isostni illi mhux talli m'ghandux ihallas manteniment sa Jannar 2013 meta t-tifla l-kbira bdiet tahdem *full-time*; talli qed jippretendi li ghandu dritt li jigi lilu rifuz mill-konvenuta l-manteniment li hallas fir-rigward tat-tifla l-kbira minn meta ghalqet tlieta u ghoxrien sena sa meta waqqaf il-hlas f'Marzu 2012.

Mill-banda l-ohra l-konvenuta tissottometti illi klawsola 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni personali tal-partijiet hija cara u tipprovdi illi l-attur kien intrabat li jkompli jhallas manteniment ghaz-zewg uliedu "sakemm ikollhom xoghol permanenti u fiss" u ghalhekk il-manteniment m'ghandux jieqaf qabel ma jkunu sabu impieg full-time, irrispettivament mill-eta' taghhom. Ghandu fil-fehma tal-konvenuta japplika il-principju 'pacta sunt servanda' kif stipulat fil-kuntratt.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti analizzat klawsola numru 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet u hi tal-fehma illi kif giet redatta wiehed jifhem illi l-ftehim tal-partijiet kien li l-attur jibqa' jhallas manteniment ta' uliedu anke wara li jaghlqu tmintax-il sena sakemm dawn jibqghu jistudjaw. U anke jekk jieqfu jistudjaw il-manteniment ma kellux jieqaf qabel mal-ulied isibu impieg "permanenti u fiss". Ma jissemmiex limitu ta' eta'. Dan fil-fehma tal-Qorti kien li l-partijiet ftehmu fuq il-kuntratt ghaliex kieku riedu jaghmlu limitu ta' eta' kienu jsemmu l-eta' massima sa meta l-attur kien ser ikun obbligat ihallas il-manteniment.

Jirrizulta wkoll li din kienet l-interpretazzjoni li kien qed jaghti lill-kuntratt l-istess attur, tant li sa Marzu 2012 l-attur kien ghadu jhallas lill-konvenuta manteniment ghat-tifla ta' erbgha u ghoxrien sena peress li kienet ghadha qed tistudja u ma kelliex impieg, liema hlas kien qed isir minghajr ebda kontestazzjoni da parti tal-attur. Jidher li bidel il-hsieb meta sar tibdil fil-Kodici Civili li stabbilixxa l-obbligu tal-genituri li jmantnu lill-uliedhom anke wara li jaghlqu tmintax-il sena sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena jekk jibqghu isegwu kors ta' studju *full-time.*

Il-fatt li l-kuntratt gie ppubblikat tmien snin qabel il-Kodici Civili gie emendat jelimina l-possibilta' li l-partijiet kellhom f'mohhom li l-obbligu tal-manteniment kellu jieqaf mal-eta' ta' tlieta u ghoxrien sena bhal kif issa qed isostni l-attur.

Id-dhul fis-sehh tal-emenda ghall-Kodici Civili ma kelliex l-effett li tvarja jew tinnewtralizza xi parti mill-ftehim tal-partijiet kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ta' bejniethom. L-obbligu tal-attur kif stipulat fil-kuntratt baqa' invarjat wara l-emenda fil-ligi in dizamina.

Fil-fehma tal-Qorti jekk l-attur ried li t-termini stipulati fil-kuntratt bonarju jigi varjat, fin-nuqqas ta' ftehim mal-konvenuta ma kellux triq ohra hlief li jistitwixxi l-proceduri gudizzjarji opportuni fir-rigward u mhux iwaqqaf il-hlas tal-manteniment b'mod unilaterali.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta hija gustifikata.

**Zieda fir-Rata ta' Manteniment**.

Hemm ukoll nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-modalita' fiz-zieda perjodika tal-manteniment. B'notaipprezentata fit-12 ta' Frar 2013[4] il-konvenuta ipprezentat prospett fejn spjegat l-ammonti li skond hi huma dovuti bhala arretrati ta' manteniment inkluz ziediet dovuti li ma thallsux.

Skond il-konvenuta iz-zidiet dovuti fir-rigward tal-manteniment tal-ulied kellu jizdied perjodikament skond l-indici tal-inflazzjoni.

L-attur ma jaqbilx u jsostni li z-zidiet fir-rigward tal-manteniment tal-ulied kellu jizdied perjodikament skond iz-zidiet ghall-gholi tal-hajja fil-paga minima nazzjonali.

Kif tajjeb osservat il-konvenuta, jidher li l-attur naqas milli jaghmel distinzjoni bejn dak provdut fir-rigward tal-manteniment tal-ulied u dak provdut fir-rigward tal-manteniment tal-konvenuta. Fir-rigward tal-konvenuta ir-revizzjoni kellha ssir "kull sena pro rata maz-zieda fil-budget" filwaqt li fir-rigward tal-ulied ir-revizzjoni kellha ssir "kull sena skond l-gholi tal-hajja".

Fil-fehma tal-Qorti ir-referenza ghall-gholi tal-hajja qed tirreferi ghall-indici tal-inflazzjoni kif stabbilit kull sena ai termini tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta. L-gholi tal-hajja annwali jigi mizurat bl-indici tal-inflazzjoni u mhux biz-zidiet fil-pagi.

Ghalhekk it-tielet eccezzjoni timmerita li tigi akkolta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta.

---

[4] Fol. 424

Il-Qorti ser tiddisponi mit-talbiet attrici fi stadju ulterjuri sabiex taghti l-opportunita’ lill-attur jottempera ruhu ma’ dak deciz fis-sentenza in parte tallum.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------